# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-15 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru 2447/99 GC**

**Charles Darmanin & Co. Limited**

**-vs-**

**Robert Azzopardi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi waqt li Anna Xerri Elmhadbi kienet qeghdha issuq il-vettura Toyota numru CBG-332, f'Constitution Street Mosta fid-19 ta' Lulju 1999 fl-3.45 ta' wara nofsinhar, hija kienet involuta f'incident awtomobilistiku mal-karozza Ford Escort bin-numru BAA-437 li kienet misjuqa mill-konvenut Robert Azzopardi;

Illi meta l-konvenut wasal biex jipprocedi ghal gewwa t-triq principali, u cioe' Constitution Street, huwa ma waqafx u accerta ruhu li seta' jipprocedi, u b'hekk ikkawza l-incident in kwistjoni, interament b'tortijiet tieghu;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident il-vettura tal-atturi sofriet danni ammontanti ghal Lm1,179.54, oltre, Lm15.00 ghat-towing tal-vettura, sofferti mill-atturi, b'kollox ghalhekk intefqet is-somma ta' Lm1,194.54;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-atturi dan ma ghamel assolutament xejn u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita ghall-istess;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. issibu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

2. tillikwida d-danni sofferta mill-atturi fis-somma ta' Lm1,194.54, jew f'somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominadi; u

3. tikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-prezenti u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tat-22 ta' Awissu, 1999, Lm15 tal-konsult, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta assiguratrici tal-konvenut kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ghall-incident in kwistjoni l-esponent ma kellu l-ebda tort;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2001 minn fejn jirrizulta li l-partijiet jaqblu li d-danni soffertimis-socjeta attrici bhala kawza ta' dan l-incident jammontaw ghas-somma indikata fic-citazzjoni cioe' s-somma ta' Lm1194.54;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Meju 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fid-19 ta' Lulju 1999 ghall-habta tat-3.45 ta' wara nofsinhar sehh incident awtomobilistiku f'Constitution Street Mosta. Involuti f'dan l-incident kien hemm certa Anna Xerri Elmhadbi li kienet qed issuq il-vettura tas-socjeta attrici tal-marka Toyota numru ta' registrazzjoni CBG-332 u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni BAA-437. Jirrizulta li l-vettura tas-socjeta attrici kienet ghaddejja f'Constitution Street. Il-konvenut kien gej minn Fort Road, cioe triq laterali fuq in-naha tal-lemin ta' Constitution Street skond kif kienet gejja l-vettura tas-socjeta attrici, ried jidhol gol-istess Constitution Street sabiex jerga jdur ghal triq laterali ohra din id-darba fuq ix-xellug u cioe Triq in-Naqqax. Jirrizulta li l-habta grat f'Constitution Street fil-karreggiata t-tajba minn fejn kienet ghaddejja l-vettura tas-socjeta attrici, u cioe fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Jirrizulta li Fort Road u Triq in-Naqqax mhux ezatt facciata ta xulxin, pero wiehed jista johrog minn Fort Road, jaqsam djagonalment Constitution Street u jipprocedi ghal Triq in-Naqqax;

Is-socjeta attrici ssostni li dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut u ghalhekk qed issir din il-kawza. Il-konvenut da parti tiegu qed jeccepixxi li huwa ma kienx jahti ghall-incident in kwestjoni. Huwa jsostni li l-incident gara tort tas-sewwieqa tal-vettura tas-socjeta attrici li naqset li zzomm "a proper lookout" u, inoltre, kienet ghaddejja b'velocita' eccessiva;

Iz-zewg sewwieqa involuti f'dan l-incident jghatu verzjoni differenti u kontrastanti ta' kif gara l-istess incident. Anna Scerri, s-sewwieqa tal-vettura tas-socjeta' attrici, kkonfermat li kienet qed issuq f'Constitution Street gejja min-naha tan-Naxxar sejra fid-direzzjoni ta' Targa Gap. F'hin minnhom rat il-konvenut hiereg bil-vettura tieghu, minnghajr ma waqaf, minn fuq il-lemin taghha u cioe minn triq laterali. Hi ppruvat tattira l-attenzjoni tal-konvenut billi daqqet il-horn, pero' l-konvenut baqa diehel fil-karreggjata taghha u b'hekk saret il-kollizjoni. Qalet li habtet mal-ponta ta' wara tan-naha tax-xellug tal-karozza tal-konvenuta. Cahdet li l-vettura tal-konvenut fil-hin tal-habta kienet dritta quddiemha. Qalet li fil-hin tal-habta il-konvenut kien lahaq dahal fil-karreggjata taghha lagenba, u cioe' l-parti ta' wara tal-karozza tieghu tan-naha tax-xellug kienu fil-karreggjata taghha, filwaqt li l-parti tal-lemin tal-karozza tal-konvenut kienet ghada fil-karreggjata l-ohra. Qalet li kienet ghaddejja b'velocita' normali u ftit qabel li grat il-habta naqset il-velocita' taghha peress li hemm "zebra crossing". Qalet li ma kien

hadd qed jaqsam it-triq la minn fuq l-imsemmija "zebra crossing", u lanqas iktar lill-hemm mill-istess "crossing";

Il-konvenut, da parti tieghu, jghid li qabel ma hareg minn Fort Road biex jidhol f' Contitution Street, huwa waqaf biex jispezzjona t-traffiku li kien gej minn go l-istess Constitution Street. Qali li hares il fuq u ma kienx gej traffiku, hares l'isfel u ra l-vettura tas-socjeta attrici li kienet pjuttost 'il boghod. Meta ra hekk huwa ddecieda li johrog. Huwa qal li ma harigx djagonalment biex jibqa sejjer ghal Triq in-Naqqax, izda hareg dritt f'Constitutution Street u meta kien fil-karreggjata li tiehu fid-direzzjoni ta Targa Gap, huwa dar "ninety degrees", bil-hsieb li jerga jdur ghall-imsemmija triq laterali ohra fuq ix-xellug tieghu. Dak il-hin waqaf kompletament sabiex ihalli tghaddi mara li kienet qed taqsam Constitution Street, min-naha ta' fejn hemm Fort Road, ghan-naha l-ohra. Meta kien hekk wieqaf is-sewwieqa tal-vettura tas-socjeta attrici baqghet diehla fih fuq in-naha ta' wara tieghu. Mal-habta tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u, minghajr ma jaf kif, sab ruhu fi Triq in-Naqqax. Sussegwentement il-konvenut jghid li meta waqaf biex ihalli l-mara tghaddi huwa kien ga' beda jdur lejn Triq in-Naqqax u kien ghalhekk li l-vettura tieghu mad-daqqa spiccat fl-istess Triq in-Naqqax.

Din il-verzjoni tal-konvenut mhux kredibbli u mhux verosimili. In effett il-hsarat li jirrizultaw li garbu l-vetturi jghatu aktar kredibilita lill-verzjoni tas-sewwieqa tal-vettura tas-socjeta attrici. Difatti jidher li l-vettura misjuqa mill-konvenut hadet id-daqqa principalment fuq il-genb taghha tan-naha tax-xellug lejn in-naha ta wara tal-istess vettura. Dan jindika li l-vettura misjuqa mill-konvenut ma kienitx dritta fit-triq izda kienet ghada f'posizzjoni djagonali diehla fil-karreggajata li fiha kienet qed tinsaq il-vettura l-ohra. In vista ta' dan ukoll, mhux kredibbli l-konvenut meta huwa jghid li hareg fid-dritt u meta kien fil-kareggjata li tiehu lejn Targa Gap u rega ddritta. Jidher li in effett il-konvenut hareg djagonalment sabiex jibqa sejjer ghal Triq in-Nuqqax;

Jirrizulta, inoltre, li l-konvenut ghamel manuvra xi ftit azzardata meta ddecieda li jibda jaqsam Constitution Street nonostante li ra l-vettura l-ohra gejja. Mhux kredibbli l-konvenut meta jghid li kien hemm mara qed taqsam it-triq. Ftit il-boghod jirrizulta li hemm "zebra crossing" u ghalhekk hu aktar verosimili li "pedestrian" li tkun qed taqsam it-triq tghazel li taqsam minn fejn hemm "zebra crossing" u mhux minn fejn m'hemmx. Mhux kredibbli li l-konvenut meta jghid li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, meta huwa jghid li kien kompletament wieqaf;

Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi htija fuq is-sewwieqa tal-vettura tas-socjeta attrici.  In vista ta dan kollu il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal incident in kwestjoni u ghalhekk huwa ghandu jghamel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici fil-vettura taghha. In vista tal-provi prodotti u in vista tal-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2001 jirrizulta li d-danni sofferti mis-socjeta ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' elf mija u erba u disghin liri maltin u erba u hamsin centezmu (Lm1194.54);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni; tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fis-somma ta' elf mija u erba u disghin liri maltin u erba u hamsin centezmu (Lm1194.54) u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-istess somma ta' elf mija u erba u disghin liri maltin u erba u hamsin centezmu (Lm1194.54) in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni u cioe' mid-9 ta' Novembru 1999;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.